**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 02/07**

It-Tnejn 29 ta' April 2013 fil-5.30pm

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINCIPAL* |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku
3. Toroq PPP
4. Affarijiet Finanzjarji : Skeda ta' Pagamenti għax-xahar ta' April 2013
5. Installar ta' bozoz ġodda
6. Tiswija/bdil ta' apparat fi Ġnien Joanne u Ġnien Veliko Turnovo
7. Tenders u Kwotazzjonijiet
8. Użu tal-Ground 5a-side mingħajr ħlas
9. Ħwejjeġ oħra
10. Għeluq tal-laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa tas-Seduta 02/07 ġew moqrija mis-Sindku peress li din id-darba ma leġqux ġew mgħoddija minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Is-Sindku Joseph Abela staqsa lill-Viċi Sindku Pawlu Farrugia sabiex jagħti aktar dettalji dwar kif inhu marbgħut il-proġett mal-Artiġġanat. ERDF

i.i Is-Sur Paul Farrugia qal li l-Kunsill diġa kien għamel sejħa għal dawk in-nies interessati u suppost ġew xi nies jinkitbu. Apparti minnhekk fil-passat il-Kunsill kien ta diversi korsijiet tal-artiġġanat u allura nistgħu saħansitra nużaw lilhom. Kompla jgħid li għalkemm il-Kunsill mhux marbgħut bi ġranet u ħinijiet pero il-gazebo ta' Ġnien Veliko Turnovo trid tintuża f'sens ta' artiġġanat għax hekk marbgħuta mal-proġett.

i.ii Is-Sur Lawrence Bonavia qal li nistgħu nagħmlu użu minnha anke jekk isiru attivitiajiet nazzjonali bħal dik tal-Heritage Malta.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l- Housing Authority s'issa għadha bgħatet biss acknowledgement li rċeviet dak kollu mitlub sabiex tipproċessa l-pagament. Proġett-Tisbiħ Luqa Road

ii.i Dwar biċċa art l-oħra in konnessjoni ma' dan il-proġett maħsuba li ssir parkeġġ, is-Sindku qal li meta ġejna biex napplikaw għall-permess tal-MEPA, ġejna mitluba nħallsu s-somma ta' €2919.24. Is-Sindku kompla jgħid li peress li bħalissa l-allokazzjoni finanzjarja għadha ma ġietx mgħoddija mill-Gvern Ċentrali lill-Kunsill, jissuġġerixxi li għalissa nipposponuha. Parkeġġ propost Luqa Road

ii.ii Is-Seg. Eżek. kkonferma li għalissa l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jipproċedi bil-ħlas għal din l-applikazzjoni qabel ma tidħol l-allokazzjoni dovuta lilna għall-perjodu sal-aħħar ta' Ġunju 2013.

ii.iii Il-Viċi Sindku ġibet l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex qabel kollox l-ewwel pass għandu jkun li niċċekkjaw x'hemm miktub fil-kuntratt tad-devoluzzjoni għaliex jista' jkun hemm xi klawżola li torbgħotna li l-art trid tużaha bilfors għall-iskop mitlub u għall-perjodu stipulat. Jaf li jekk il-Kunsill ma jżommx mal-kuntratt, l-art tista' terġa' tittieħdilna lura.

ii.iv Il-Kav. Pawlu Farrugia talab lis-Seg. Eżek. sabiex jiċċekkja mal-Perit tal-Kunsill sew ir-rati dovuti għaliex minn informazzjoni li għandu r-rati suppost li issa ġew riveduti.

ii.v Is-Sur Lawrence Bonavia ssuġġerixxa forsi nistgħu napplikaw għal xi fondi bħall-UIF. Is-Seg. Eżek. għandu jiċċekkja.

ii.vi Is-Sindku staqsa jekk dan il-parkeġġ hux riservat biss għan-nies tal-blokki ta' biswiet jew jekk ikunx miftuħ għall-pubbliku in ġenerali ? Il-Kav. Pawlu Farrugia qal li l-iskop dejjem kien li jkun riservat biss għan-nies tal-blokki sabiex b'hekk nipproteġu l-paviment ġdid li sar.

iii Rigward il-każ li kellna pendenti ma' l-ARRIVA dwar il-każ tal-inċident fil-Monument Inċident –

tal-Vittmi tal-Gwerra, għadna qed nistennew li nirċievu ċ-ċekk għar-rifużjoni li tkopri n-nofs l-ieħor tal-ispejjeż mill-kumpanija CITTADEL. Monument Vittmi tal-Gwerra minn tal-Arriva.

iv Dwar ir-Restawr tan-Niċċa ta' San Pawl, il-Viċi Sindku staqsa lis-Seg. Eżek. f'hiex wasalna ? F'dan il-waqt is-Sur Frans Agius informa lill-Kunsill li skond email li bgħatulna d-Dipt. Gvern Lokali għad irridu nissottomettu approvazzjoni bil-miktub mingħand ir-resident. Is-Sur Pawlu Farrugia qal li din suppost diġa qegħda għand id-Dipartiment għaliex meta saret l-applikazzjoni din kienet klawsola fl-istess applikazzjoni. Restawr tan-Niċċa

Is-Sur Frans Agius talab lis-Seg. Eżek. sabiex f'dan l-istadju jfittex l-applikazzjoni mitfugħa u jsegwi naqra l-każ għaliex jekk ma nieħdux ħsieb nafu nitilfu l-fondi mwiegħda għal dan ir-restawr.

v Rigward il-PV System, il-Viċi Sindku staqsa lis-Seg. Eżek. sabiex jiċċekkja l-Enemalta f'hiex waslet sabiex tinstallha l-meters il-ġodda ladarba issa ż-żewġ sistemi ġew installati. PV System

vi Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-Madre tal-Iskola St Jean Antide, fejn din talbet l-għajnuna tal-Kunsill sabiex forsi bl-intervent tagħna wkoll jiġu nstallati 'traffic lights' fejn l-iskola minflokk il-pellican lights li hemm bħalissa. Traffic Lights – Skola St Jean Antide

Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sur Genuis il-persuna nkarigata fuq il-Kunsilli Lokali fit-TM, fejn dan spjegalu li bħalissa dawn qegħdin 'out of stock' u li TM qegħda fil-proċess li toħroġ tender ġdida. Infurmah li f'dan l-istadju l-Kunsill għandu jagħmel talba formali lit-TM biex b'hekk nibdew il-proċess u nżommu lill-Iskola kkuppjata.

vii Is-Sindku qal li kellmu wkoll dwar forsi jistax jgħina biex isir xogħol ta' major patching kemm fi Triq Paola kif ukoll fi triq Santa Marija. Il-Kunsill bgħatlu email f'dan ir-rigward u s-Sur Genius wieġeb li dawn it-toroq jaqaw taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali u mhux tat-TM. Major Paching

vii.i Is-Sur Frans Agius qal li hu kellu kuntatt mas-Sur Genuis fejn talbu jibgħatlu x'għandha f'idejha TM dwar it-toroq ġewwa Ħal Tarxien. Is-Sur Genuis bgħatlu records li jieqfu fis-sena 1999. Is-Sur Agius kompla jgħid li iżjed reċenti l-Kunsill kien mitlub mit-TM jibgħat dettalji dwar toroq arterjali sabiex jinkluduhom fil-lista tagħhom.

Is-Sur Agius qal li baqgħa mas-Sur Genuis li għandu jerġa' jiċċekkja.

vii.ii Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu jinsisti li għalkemm veru t-toroq forsi ma jaqawx taħt ir-responsabbilta' ta' TM, pero huwa fatt li din il-ħsara qed tiġi kkawżata mill-karozzi tal-ARRIVA.

vii.iii Is-Sindku staqsa lil dawk preżenti kif għandu jipproċedi l-Kunsill minn hawn 'il quddiem. Il-Kunsill qabel unanimament li x-xogħol nagħmluh aħna u ladarba nħallsu l-kont nibdew ukoll il-proċess mat-TM sabiex nitolbu għar-rifużjoni. Is-Seg. Eżek. qal ukoll li ser jirreferi dan is-suġġett lid-Dipartiment.

viii Is-Sindku qal li l-Madre tal-iskola St Jean Antide tatna kopja ta' applikazzjoni għall-proġett li daħħlu fih huma. Is-Sindku talab lil-Kav. Pawlu Farrugia jispjega lill-Kunsill f'hix jikkonsisti peress din l-applikazzjoni kienet ġiet endorsjata minnu fi żmien meta kien Sindku.

Il-Kav. Farrugia spjega li dan il-proġett huwa marbgħut mal-Ambjent. L-għan tiegħu dan il-proġett huwa li jgħallmu lill-istudenti biex jirriċiklaw. Is-Sindku qallu li fil-laqgħa li kellu mal-Madre din talbitna xi bins.

Il-Kav. Farrugia kompla jgħid li l-Kunsill għandu kuntrattur tar-riċiklaġġ u kuntrattur ieħor li jiġbor l-iskart domestiku, nistgħu nitolbuhom sabiex jisponsorjaw dawn is-sitt bins miltuba.

Is-Sur Ishmael Dalli qal li waqt laqgħa li kellu mal-GREENPAK dawn urew interess li f'inizjattivi simili lesti li b'xi mod jgħinu. Is-Sur Dalli ser jerġa jikkuntattja lill-Greenpak dwar dan.

vi Is-Sindku qal li rċevejna ittra mingħand il-Housing dwar akkumular ta' ħmieġ fi Blk 4 Luqa Rd. Informa lill-Kunsill li ser jagħmel laqgħa mar-residenti fuq l-indafa. Skema tal-Housing – Ameljorament tal-Blokki

vii Is-Sindku qal li rċevejna ittra mingħand is-Sinj. Chiara Peresso ta' The Burrows fejn qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tinstalla lift fuq barra tal-guest house sabiex tkun aċċessibli għall-persuni b'diżabilita'. Din l-approvazzjoni qed tiġi mitluba mill-KNPD. L-ispejjeż kollha involuti ser ikunu koperti mis-Sinjura Peresso. Installar ta' Lift

Il-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat ittra/email lis-Sinj. Peresso fejn ninfurmawha li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li dan il-lift jiġi installat. Kopja ta' din l-email ser tintbgħat ukoll lill-KNPD.

viii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna żewġ ittri mingħand il-Girl Guides waħda dwar attivita' ta' bazaar għall-jum l-omm quddiem il-Berġa. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jekk iridu jisgħu anke jużaw il-gazebo ta' Ġnien Veliko Turnovo. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Is-Sindku ser jinfurmahom dwar dan. Girl Guides -Bazaar għal jum l-omm

viii.i Ittra oħra li rċevejna mingħandhom hija dwar talba sabiex il-Kunsill joffrilhom post ieħor aktar adekwat li jilqa'madwar 30 ruh. Post alternattiv għall-Girl Guides

Is-Sindku ssuġġerixxa ċ-Ċentru Komunitarju meta ma jkunx qed jintuża. Is-Sur Agius qal l-importanti li ma jħallux affarijiet fih għaliex hemm diversi persuni li għandhom aċċess għaċ-Ċentru. Kompla jgħid li l-importanti li ma jkun hemm xejn iktar fl-istess ħin.

Il-Kunsill qabel unanimament li bħala post alternattiv nissuġġerulhom iċ-Ċentru Komunitarju. Għalkemm huma taw indikazzjoni ta' meta jkollhom il-laqgħa tagħhom, dan ma jfissirx li ser iżommu l-istess dati u ħinijiet. Iċ-Ċentru Komunitarju ser ikunu jistgħu jagħmlu użu minnu biss fil-ħin u fil-ġranet li ma jkun għaddej xejn iktar.

Is-Seg. Eżek. ser jieħu ħsieb jinforma lill-Malta Girl Guides dwar dan.

ix Is-Sindku qara ittra li rċevejna mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ u Partitarji Marija Annunzjata Ħal Tarxien sabiex nagħtuhom permess biex iħaffru toqba biex teħel bandalora fi Triq B'Bugia fil-kantuniera ta' faċċata tas-Sinjura Meme. Qegħdin jistaqsu wkoll jekk il-Kunsill jistax jieħu ħsieb biex din it-tappiera ssir.

ix.i Saret diskussjoni dwar dan fejn tqajjem il-punt li ma jinħoloqx konflitt mar-residenta msemmija. L-ewwel u qabel kollox biex titħaffer din it-toqba trid inġenji speċjali. Meta kienet saret toqba simili l-Kunsill kien ta biss il-permess li titħaffer u l-bqija l-ispejjeż riedu jagħmlu tajjeb għalihom huma.

Il-Kunsill iddeċieda li din il-ħofra titħaffer pero l-ispejjeż involuti jridu jagħmlu tajjeb għalihom l-Għaqda.

x Is-Sindku qara diversi ittri ta' ringrazzjament u tifħir indirizzati lill-Kunsilliera kollha. Fosthom mingħand il-W.R Kappillan, Għaqda San Gabriel u l-Każin tal-Banda.

xii Ittra oħra ta' ringrazzjament kienet mingħand ir-residenti ta' Blokk B Triq San Franġisk ta' l-azzjoni immedjata li ħa sabiex jitneħħew it-tankijiet.

## 3 Toroq PPP

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-PPP, il-kuntrattur beda x-xogħol tat-tarmak illum. PPP

Hu kompla jgħid li waqt laqgħa li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu mal-kuntrattur nfurmawh li ladarba tidħol l-ewwel allokazzjoni mid-Dipt. Gvern Lokali marbgħuta mal-fondi tal-PPP, ser inħallsuħ dak l-ammont dovut lilu skond r-rata miftiehma fil-kuntratt.

F'dan il-waqt il-Viċi Sindku l-Kav. Pawlu Farrugia talab sabiex jiġi rreġistrat li hu bħala s-Sindku tal-Ex-Kunsill Lokali flimkien mal-Kunsilliera tal-istess Sitt Leġislatura ma ħalliex dejn imma *'commitment'*.

Is-Sindku ssuġġerixxa li ladarba jidħlu l-fondi, t-toroq li huma prijorita' huma jew Triq is-Sorijiet jew Triq il-Fieres. Ġie maqbul li s-Seg. Eżek. jitlob l-permessi tat-toroq kollha imbagħad il-kunsill jiddeċiedi huwa liema toroq għandhom il-preċedenza.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-ewwel prijorita' ladarba jkollna l-fondi għandha tkun Triq is-Sorijiet.

## 4 Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti

Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti nru 01/07. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku s-Sur Joseph Abela, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

ii Is-Seg. Eżek. informa lill-kunsill li rċevejna xi Audit Adjustments. L-Accountant tal-Kunsill ħa ħsieb l-emendi neċessarji u bgħat kollox il-Kunsill għall-approvazzjoni tiegħu.

Is-Seg. Eżekuttiv spjega li wara l-aġġustament żgħar li saru l-Kunsill xorta waħda fl-2012 għalaq is-sena b'surplus ta' madwar €11,600.

Il-Kunsill approva unanimament l-emendi mressqa.

## 5 Installar ta' Bozoz Ġodda

i Is-Sindku qal li l-Enemalta approvat t-talba tal-Kunsill għall-4 bozoz ġodda. Il-Kuntrattur tal-Kunsill ta stima tax-xogħol għal-valur ta' €215.47 kull bozza.

Il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-bozoz jitwaħħlu għall-spiża ta' €215.47 kull

bozza.

ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser issir talba lill-Enemalta għal :-

i) Bozza ġdida mad-dar 96 Triq l-Annunzjata

ii) Żewġ arbli b'żewġ floodlights ma' kull arblu fejn l-iskola ta' Triq Tal-Barrani

ii.i Il-Viċi Sindku ġibet l-attenzjoni li l-parti ta' fejn l-iskola hija art privata u għalhekk il-Kunsill għandu jitlob lill-Enemalta u/jew TM biex jagħmluhom huma.

ii.ii Is-Sindku ssuġġerixxa li sadanittant aħna napplikaw kif propost imbagħad jekk l-Enemalta ma t'approvax nirranġaw skond il-bżonn.

## 6. Tiswija/bdil ta' Apparat fi Ġnien Joanne u Ġnien Veliko Turnovo

Manutenzjoni Ġnien Joanne

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġbarna kwotazzjonijiet mingħand l-MQUIP il-kuntrattur li miegħu għandna t-Tender, għall-tiswija u/jew bdil ta' waħda mill-istrutturi li hemm fil-bandli ta' Ġnien Joanne kif ukoll għal safety surfacing għal taħt l-istess struttura kif ukoll għal taħt struttura oħra fl-istess bandli.

***Apparat :-***

i) Tiswija - €4570.00

ii) Ġdida - €4900.00

***Safety Surfacing :-***

i) 20sqm - €1223.00

ii) 56sqm - €3424.40

Il-Kunsill qabel unanimament li jintgħażel l-apparat il-ġdid għall-valur ta' €4900 kif ukoll li jsiru ż-żewġt Safety Surfacing għall-taħt żewġ strutturi fi Ġnien Joanne għall-valur globali ta' €4647.40

Iktar il-quddiem ser tintalab stima għal-bdil/tiswija ta' apparat u/jew safety surfacing ta' Ġnien Veliko Turnovo.

## 7. Tenders u Kwotazzjonijiet

Tenders u Kwotazzjonijiet

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qiegħed fil-proċess li jiġbor kwotazzjonijiet għall- :

i) Bdil tal-injam tal-bankijiet

ii) Żebgħa tal-ballavostri tad-dawra tal-ġnien

iii) Bini ta' Book Box

iv) Bini ta' funtana ġdida

ii Dwar il-bini ta' book box is-Sur Frans Agius spjega lill-Kunsill li l-ħsieb kien li nagħmlu waħda simili bħal dik ta' Ħal Qormi. L'idea li nibnu waħda u mhux nsibu kabina antika għall-fatt li l-kabini l-antiki tal-telefon l-ewwelnett ma tantx għadek issibhom u t-tieni taf tkun problema għall-persuni b'diżabilita għax huma pjuttost żgħar. L-area proposta hija l-parti vojta 'l-fuq mill-gazebo.

ii.i Is-Sindku kompla jgħid li hu diġa ġab sponsors għall-sorveljanza bil-cameras għal fuq din il-book box. L-unika spejjeż involuti għall-Kunsill huwa l-bini ta' din il-book box. Skond stima tax-xogħol dik ta' Ħal Qormi bejn wieħed u ieħor ġiet tiswa' mal-€1400.

ii.ii Rigward il-ballavostri tad-dawra tal-ġnien, il-Viċi Sindku qal li kien għamel diskussjonijiet mas-Sur Joe Saetta il-persuna responsabbli mill-ħaddiema tal-IPSL, fejn dawn kienu jaqbdu *timijiet* ta' ħaddiema u jallokawhom għal xi xogħol partikolari. Il-Viċi Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħmel kuntatt mas-Sur Saetta u jkellmu dwar dan.

Is-Seg. Eżekuttiv għandu jagħmel kuntatt mas-Sur Saetta kif mitlub.

ii.iii Il-Viċi Sindku ġibet l-attenzjoni tas-Seg. Eżekuttiv sabiex meta niġu għall-kwotazzjonijiet u direct orders noqgħodu attenti li nimxu mal-Proċeduri Finanzjarji.

Il-Kunsill qabel unanimament li ssir sejħa għal dawn il-kwotazzjonijiet u skond l-eżitu tagħhom is-Segretarju għandu jiggwida lill-Kunsill hekk kif titlob il-liġi.

iii Is-Seg. Eżekuttiv informa lill-Kunsill li b'mod urġenti għandna bżonn noħorġu sejħa għall-offerti għall-Latrina Pubblika u għall-Servizz ta' Insurance. Dawn iż-żewġ kuntratti ġew imġedda għall-tlett xhur oħra sakemm jinħarġu t-tenders u ssir l-għażla tal-kuntratturi.

iv Is-Seg. Eżekuttiv qal li f'Mejju ser tiskadi wkoll t-tender tat-Tindif u Manutenzjoni tal-Ġonna u soft areas.

iv.i Is-Sur Lawrence Bonavia ssuġġerixxa biex ladarba dawn it-tenders ser joħorġu mill-ġdid, importanti li naraw li nżidu dak kollu meħtieġ u nemendaw skond il-bżonn.

v Il-Kav Pawlu Farrugia nforma lill-Kunsill li t-tender tal-Pavimentar ukoll skadiet. Is-Seg. Eżek. ser jieħu ħsieb joħroġ anke din it-Tender.

vi Is-Sur Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li fit-tenders issir disclaimer note li t-tender jeskludi l-proġetti ffinanzjati mill-UE.

## 8. Użu tal-Ground 5a-side mingħajr ħlas

Użu tal-Ground

i Is-Sindku spjega li qed jiġu xi nies biex jużaw il-ground. Ir-Rainbows qed jittrenjaw fih nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Sibt. Il-Viċi Sindku ġibet l-attenzjoni li r-Rainbows huma shareholders.

ii Is-Seg. Eżek. qal li l-Awdituri tal-Kunsill qegħdin ta' kull darba jiġbdulna l-attenzjoni li mhumiex isiru l-Audited Accounts.

iii Is-Seg. Eżek. poġġa fuq il-mejda dokument dwar il-każ fil-Qorti li l-Kunsill flimkien ma Mizzi Group Ltd kellu kontra ITALGREEN SpA (soċjeta estera'). Is-Seg. Eżekuttiv ser jibgħat kopja ta' dan id-dokument lill-Avukat tal-Kunsill.

iv Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jinħatar Bord kompost mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, u s-Sur Tony Cassar bħala rappreżentanza tax-Shareholders. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb jlaqqa' l-partijiet kollha sabiex jiġu diskussi dawn il-pendenzi.

v Is-Sindku staqsa dwar ix-xibka tal-ground jekk hux ser napplikaw għaliha għand l-Insurance. Is-Sindku ser jerġa jikkuntattja lill-Aġenzija tal-Insurance dwar dan il-każ.

## 9 Ħwejjeġ oħra

i. Is-Sindku ppropona d-dekasteri.
Joseph Abela – Sotto Kumitat Ambjent u Infrastruttura
Paul Farrugia – Sotto Kumitat Anzjani
Frans Agius – Sotto Kumitat Edukazzjoni, Wirt Kulturali u Turiżmu
Keith Darmanin – Sotto Kumitat Żgħażagħ, Sports u Żamma ta' Ordni Pubblika
Lawrence Bonavia – Sotto Kumitat Saħħa u Intrapriżi Żgħar
Ishmael Dalli – Sotto Kumitat Servizzi, Immaniġġjar tat-Traffiku u Indafa Pubblika
Doris Vella – Sotto Kumitat Ħidma u Għajnuna Soċjali

i.i Is-Sur Pawlu Farrugia rrifjuta li jieħu dekasteru. Huwa qal li bħala bniendem tal-esperjenza u bir-rispett kollu lejn is-Sindku li għad m'għandux din l-esperjenza għalkemm suppost li jiggwidah is-Seg. Eżekuttiv fl-operat tal-Kunsill huwa ser ikun qed jissorvelja overall l-operat tal-Kunsill minn ġewwa u minn barra. Fejn ser iħoss li l-affarijiet mhumiex mexjin sew ser jibda jikkonsulta s-Segretarju u s-Sindku. Huwa kompla jgħid li fi tlettax is-sena li dam Sindku fi żmien l-Amministrazzjoni Nazzjonalista qatt ma kellu problemi u daqstant ieħor irid jara li kollox jibqa' miexi sew ladarba llum il-ġurnata hemm Gvern Laburista li hu jirrappreżenta.

i.ii Is-Sindku qal li f'dan l-istadju d-dekasteru tal-anzjani ser jgħaddi għand is-Sinj. Doris Vella u hu min-naħa tiegħu ser jgħinha skond il-bżonn.

i.iii Is-Sindku kompla jgħid li jixtieq li l-Kunsillieri darba fil-ġimgħa jkollhom siegħa allokata biex jiltaqgħu mal-pubbliku. Dan il-ħin jista' jiġi ndikat anke fil-fuljett.

ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li jixtieq li fil-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra jkun hemm meter tad-dawl. Hu kompla jgħid li mar personalment għand l-Arms u tkellem magħhom u l-bilanċ pendenti issa huwa zero. Għalhekk il-kunsill issa huwa f'pożizzjoni li japplika mill-ġdid għall-meter għal single phase. Il-ħlas dovut huwa ta' €300. Is-Sindku ssuġġerixxa li dik il-funtana tinqala minn hemm u titwaħħal post ieħor. Il-Kunsill qabel unanimament.

iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-proċedura tal-permessi tal-Festa ser jibqgħu l-istess. Permessi Festa

iv Is-Sindku ssuġġerixxa li drinks li jingħataw lill-bandisti kemm għall-festa ta' Marija Annunzjata u kif ukoll għall-festa tad-Duttrina jingħataw minn quddiem il-Kunsill. U għalhekk ser tintrama mejda quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill u jitqassmu d-drinks l-bandisti hekk kif ikun għaddejjin minn quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill. Drinks lill-Bandisti

v Is-Sindku qiegħed jissuġġerixxi li lejlet il-Festa ta' Marija Annunzjata jinfetaħ Festival Tal-Fjuri u jingħalaq dak inhar tal-festa filgħaxija. Dan il-festival ser jirrikjedi li ġo triq partikolari jintramaw pedestalli u bejn kull pedestall jkun hemm arranġament tal-fjuri. Dan il-festival jirrikjedi li kull persuna li ser tieħu sehem f'dan ix-show, li bejn wieħed u ieħor qed jissuġġerixxi li jkun hemm madwar 20 ruh, il-Kunsill ser jagħti lis-suppliers tal-fjuri sa €50 għal kull arranġament. Apparti minn hekk ikun hemm bżonn li nqabbdu lil xi ħadd liċenzjat bħala security għal-lejl wieħed ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd. L-ispejjeż involuti m'għandomx jaqbżu l-€1160. It-tqassim tal-flyers u l-istampar ser nippruvaw inġibu sponsors għalihom. Festival tal-fjuri

v.i Is-Sindku kompla jgħid li wara li tkellem mal-Kumitat tal-Festa tawh tagħrif liema toroq ser ikunu magħluqin. Għalhekk qed jissuġġerixxi li ladarba Triq San Ġużepp tkun diġa magħluqa u jintrama' tapit f'nofs it-triq din il-wirja ssir f'din it-triq. Issuġġerixxa wkoll li nistiednu lill-Prim Ministru sabiex jiftaħ din il-wirja.

Il-Kunsill qabel unanimament li tittellgħa din il-wirja u li ssir fi Triq San Ġużepp.

v.ii Is-Sindku qal ukoll li imbgħad għall-festa tal-Madonna tad-Duttrina ser jitkellem magħhom u jissuġġerixxi li jsir it-tberik tal-annimali, il-Ħadd meta toħroġ il-Madonna minn Niċċa.

vi Is-Sindku qal li ser jerġa' jsiru l-bukketti quddiem il-vari fiż-Żewġ festi.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir.

vii Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex meta tgħaddi l-vara tal-Lunzjata minn quddiem il-Kunsill jintrama' platform u titkanta l-Ave Maria minn kantanti Tarxiniżi kull sena waħda differenti.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**<u>Aġġornament tal-Laqgħa</u>**

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

Peress li kienu għaddew tlett siegħat permissibli bil-liġi għal-laqgħa tal-Kunsill u l-Agenda ma leħqitx ġiet konkluża, din il-laqgħa ġiet aġġornata għall-Ħamis 9 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm.

Sur Joseph Abela
Sindku

Sur Paul Pace Dip. B. A. Bus Mangt MBA
Seg. Eżek

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 02/07 - Tkomplija**

Il-Ħamis 9 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINCIPAL* |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku
3. Toroq PPP
4. Affarijiet Finanzjarji : Skeda ta' Pagamenti għax-xahar ta' April 2013
5. Installar ta' bozoz ġodda
6. Tiswija/bdil ta' apparat fi Ġnien Joanne u Ġnien Veliko Turnovo
7. Tenders u Kwotazzjonijiet
8. Użu tal-Ground 5a-side mingħajr ħlas
9. Ħwejjeġ oħra
10. Għeluq tal-laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## *9 Ħwejjeġ Oħra*

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie mitlub mill-ONE sabiex meta jkunu qed jiffilmjaw drama u jkollhom bżonn xena ta' xi ufficċju jistgħu jiffilmjaw l-uffiċini tal-kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

ii Is-Sindku qal li rċevejna email/ittra mingħand is-Sur Maurice L. Mallia l-Ex-Seg. Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali. Din l-email intbgħatet lis-Seg. Eżekuttiv sabiex jgħaddiha lis-Sindku. Is-Sur Mallia qiegħed jitlob rifużjoni tal-ispejjeż tal-avukat li hu kien qabbad fil-każ tiegħu.

ii.i Il-Kunsill b'mod unanimu ddeċieda li l-każ huwa magħluq. Is-Seg. Eżek. ser jirrispondi lis-Sur Mallia u jinfurmah bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

iii Is-Sindku qal li rċevejna email mingħand My Europe Project dwar meeting li ser isir fi Strasbourg bejn 25 u 27 ta' Ġunju 2013. Il-Kunsill qed jintalab li jibgħat żewġ parteċipanti.

Is-Sindku ssuġerixxa li jmur Keith Darmanin bħala responsabbli miż-żgħażagħ. Is-Sur Darmanin qal li minħabba raġunijiet personali ma jistax jattendi. Għalhekk ġie ssuġġerit li jmorru s-Sur Lawrence Bonavia u s-Sur Frans Agius.

Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li jmorru ż-żewġ kunsilliera Lawrence Bonavia u Frans Agius.

*Is-Sur Ishmael Dalli attenda għal-laqgħa fis-6.00pm.*

iv Il-Kav. Paul Farrugia qal li meta jsiru ċerta affarijiet noqgħodu attenti kif isiru. Il-Kav. Pawlu Farrugia rrefera lis-Seg. Eżek. għall-email li kien bgħatlu dwar il-ħajt ta' B'Bugia Road. Il-Kav. Paul Farrugia talab sabiex meta jibgħat korrispondenza bil-miktub jistenna l-ewwel u qabel kollox t-tweġiba u t-tieni li tiġi wkoll bil-miktub. Is-Seg. Eżek. filwaqt li skuża ruħu għan-nuqqas min-naħa tiegħu, nnota dak mitlub.

v Is-Sur Frans Agius qal li għall-Jum Ħal Tarxien bħas-soltu ser isir il-konkors letterarju u ser tittellgħa wkoll l-Wirja tal-Passatempi. Kif ukoll ser issir il-quddies u wara jkun hemm korteo sa' fejn il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra.

vi Dwar Ġieh Ħal Tarxien s-Sur Agius qal li importanti li malajr kemm jista' jkun jibda l-proċess għax hemm proċedura sħiħa għall-għażla. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ssir.

vi.i Unur il-Kunsill Lokali jista' jiġi diskuss f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

vi.ii Is-Sur Agius kompla jgħid li għal Jum Ħal Tarxien, Heritage Malta reġgħu offrewlna 150 biljett bla ħlas għal dħul b'xejn fit-Tempji Neolitiċi.

vi.iii Rigward il-kors tal-Ikids tal-kompjuter mit-TCTC, qal li kellem lis-Sur Ray Abela dwar xi nuqqasijiet li għadhom pendenti bħal per eżempju l-installar tal-air condition u bdil tal-monitors. Is-Sur Abela aċċetta u ser jieħu ħsieb jara li kollox jimxi skond kif miftiehem. Min-naħa l-oħra hu qed jitlob li l-kunsill jiffirma ftehim għal tlett snin biex isiru l-korsijiet tal-Ikids u Learn IT għal prezz fiss ta' €1150 għal kull wieħed miż-żewġ korsijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament li niffirmaw dan il-ftehim u nħallsu €1150 għall-kull kors fis-sena.

vi.iv Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Frans Agius huwa l-ko-ordinatur il-ġdid responsabbli mill-fuljett tal-Kunsill.

vii Is-Sur Lawrence Bonavia qal li bħala kunsill irċevejna korrispondenza mid-Dipartiment tal-Kura Primarja fejn qed jinfurmawna li f'każ li l-Kunsill jkun interessat li jorganizza xi talks dwar is-saħħa huma lesti li jibgħatulna xi nies biex jagħtu dawn it-talks.

viii Is-Sur Keith Darmanin qal li ltaqa' mas-Sinj. Doris Montebello l-persuna li s-sena l-oħra tat il-lezzjonijiet tal-aerobics. Din offriet li darba f'ġimgħa bejn Awwissu u Diċembru tagħmel lezzjoni tal-aerobics. Għal dan is-servizz qed titlob ħlas ta' €340.

Il-Kunsill qabel unanaimament li jsir.

viii.i Is-Sur Keith Darmanin qal li kellu laqgħa ma' tad-Drug Squad. Huwa talabhom għal laqgħa għar-residenti.

viii.ii Is-Sur Darmanin rringrazzja lis-Sindku għad-dekasteru taż-żgħażagħ li għadu kemm ingħatalu. Peress li għadu kemm ġieh ħsieb f'moħħu li jorganizza night hike fis-7 ta' Ġunju 2013 għax tkun festa pubblika, huwa staqsa jekk jistax jagħmlu dan il-hike u qed iressaq b'mod immedjat din it-talba quddiem il-Kunsill ?

Is-Sur Darmanin talab lill-Kunsill sabiex iħallas l-ispejjeż għat-trasport li jammontaw għal madwar €80.00

Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li din tista' ssir.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-hike isir u li jitħallsu l-ispejjeż għat-trasport.

*Il-Kav. Paul Farrugia rtira mil-laqgħa fis-6.15pm*

ix Is-Sur Ishmael Dalli talab lill-Kunsill sabiex japprova li nhar is-Sibt 22 ta' Ġunju 2013 terġa ssir l-attivita' tar-riċiklar tal-ħwejjeġ.

Il-Kunsill qabel unanimament li din l-attivita' issir.

ix.i Qal li huma ppjanati li jsiru meetings mal-Kuntrattur tal-Ġbir tal-Iskart Domestiku kif ukoll tal-knis sabiex naraw fejn u jekk jistax jiġi mtejjeb is-servizz offrut. Kif ukoll nerġgħu nfakkru n-nies bil-ġranet meta jkun imissu l-knis fit-triq tagħhom.

ix.ii Qal li kellu laqgħa mal-Kuntrattur tal-Greenpak biex jara kif nistgħu nħeġġu n-nies sabiex jirriċiklaw aktar.

ix.iii Qal ukoll li kellu laqgħa ma' Paragon Europe fejn qed jiġi propost li jitnaqqas it-traffiku minn Triq Dejma. Dan kollu huwa parti minn proġett tal-Ewropa fejn eventwalment ser iwassal sabiex tiġi imfassla strateġija biex jitnaqqas l-volum u l-impatt tat-traffiku.

ix.iv Qal ukoll li ser isir meeting mal-Perit Audrey Testaferrata De Noto fil-21 ta' Mejju 2013. F'laqgħa oħra li jmiss ser jirraporta dwar l-eżitu ta' din il-laqgħa.

X Is-Sinjura Doris Vella qalet li rċevejna email dwar ġbir ta' nuċċalijiet wżati biex jintbgħatu l-Eteopja.

x.i Qalet ukoll li rċeviet ilment mingħand xi individwi sabiex il-merry go round u l-bus stop li hemm fuq is-saqaf tal-garaxx tal-kunsill jitneħħew għax huma eyesore.

x.ii Is-Seg. Eżekuttiv ser jikteb lid-Dipartiment Gvern Lokali sabiex dawk l-assi li m'għadx għandna wżu għalihom nitolbu li jiġu written off.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10 Għeluq tal-Laqgħa

i Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 22 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm.

Sur Joseph Abela
Sindku

Sur Paul Pace Dip. B. A. Bus Mangt MBA
Seg. Eżek